**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2012**

| IL-ĦAMES SENA | IR-RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Marka Totali

**L-Isem:** ____________________________ **Il-Klassi:** __________

## A. Agħżel it-tajba mill-parentesi. (10 marki)

1. Sa mill-bidu nett ta' ħajjitha, Marija kienet meħlusa mid-dnub (tal-anġlu, tan-nisel, tax-xitan, tal-ħolqien).
2. Fil-festa tal- (Immakulata Kunċizzjoni, Vitorja, Bambina, Santa Marija) niċċelebraw it-twelid ta' Marija mingħajr dnub.
3. Kull nhar ta' Sibt, Marija kienet tmur tisma' il-kelma t'Alla (d-dar, fil-pjazza, ħdejn il-baħar, fis-sinagoga).
4. Marija kienet għarusa lil (Ġużeppi, David, Isaija, Ġesse) li kien mastrudaxxa.
5. Alla bagħat lill-anġlu (Rafel, Mikiel, Gabriel, Ġwanni) biex iħabbar lil Marija li kienet se tkun omm Alla.
6. Lill-anġlu Marija qaltlu, "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont (ġieħek, kelmtek, ruħek, għemilek)."
7. L-anġlu qalilha wkoll li l-kuġina tagħha (Siffora, Sarah, Elizabetta, Miriam) kien se jkollha tifel.
8. Għalkemm il-vjaġġ kien twil, (Marija, Sarah, Tereża, Ruth) marret tgħin lil Elizabetta.



9. Imbierka inti fost (il-ħlejjaq, in-nisa, in-nies, il-bnedmin) u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

10. Ix-xahar tar-rużarju huwa (Novembru, Settembru, Ottubru, Diċembru).

**B. Imla l-vojt b'dan il-kliem. (10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| għasel | Mosè | ġisem | boxxla | Żewġ |
| Bibbja | Lhudi | Alla | kastigi | Ħatar |



1. Il-ħajja tal-ħlejjaq kollha ġejja mingħand _____________.
2. Alla hu spirtu u m'għandux _____________ bħalna.
3. Alla wriena min hu u kemm irid igħinna permezz tal-ġrajjiet miktubin fil-_____________.
4. Il-Bibbja hi maqsuma f'_____________ taqsimiet.
5. L-akbar ġrajja fit-Testment il-Qadim hi dik ta' _____________.
6. Alla bagħat lil Mosè biex jeħles lill-poplu _____________ mill-jasar tal-Eġittu.
7. Sabiex il-Fargħun iħalli lil-Lhud jitilqu, Alla bagħat ħafna _____________ fuq l-Eġizzjani.
8. Mosè fetaħ triq f'nofs il-Baħar tal-Qasab billi mess l-ilma b'_____________.
9. Il-manna kienet ikel ħelu daqs l-_____________.
10. Il-kmandamenti huma bħal _____________ li juruna t-triq it-tajba.

**Ċ. Qabbel. Ikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba. Ara l-Eżempju.**

**(10 marki)**

| KOLONNA A | | KOLONNA B | |
|---|---|---|---|
| 1. | L-iskola tgħinna nikbru | | l-akbar sultan tal-poplu Lhudi. |
| 2. | Alla kien ħaj minn dejjem | | dilek lil David bħala sultan. |
| 3. | L-akbar mexxej tal-poplu Lhudi | | tgħid iva lil Alla. |
| 4. | Il-Fargħun kien | | u jibqa' ħaj għal dejjem. |
| 5. | David kien | | dwar l-Ispirtu s-Santu. |
| 6. | Il-profeta Samwel | | fix-xmara Ġordan. |
| 7. | Santa Elizabetta kienet | **1** | f'moħħna u f'qalbna ma' sħabna. |
| 8. | Marija dejjem fittxet li | | kien Ġesù. |
| 9. | Il-profeta Eżekjel ikellimna | | omm Ġwanni l-Battista. |
| 10. | Ġesù tgħammed | | kien Mosè. |
| 11. | L-aktar bniedem perfett | | il-mexxej tal-Eġizzjani. |

**D. Kompli din it-talba.** **(10 marki)**



Mulejja _____________ tiegħi, Inti _____________

ħafna, _____________ talli għedtlek _____________ bi

_____________, mil-lum 'il quddiem bil-_____________

mqaddsa tiegħek _____________ nerġax _____________ iktar u rrid

_____________ fuq _____________.

**E. Imla l-vojt b'kelma waħda. (10 marki)**

1. Il-Mulej wera lil Eżekjel __________ kbir mimli b'ħafna __________ niexef qoxqox.
U Alla qallu, "Jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-__________?"
Eżekjel wieġbu u qal, "Sidi Mulej, dan inti __________."
Il-Mulej imbagħad qal, "Jiena se ntellagħlek il-laħam u niksik bil-ġilda, inqiegħed fik ir-__________ u inti terġa' tgħix."

2. Matul ħajtu, David kiteb ħafna __________. Dawn huma innijiet miktubin lil __________f'għamla ta' __________.
Fost il-ħafna talenti li kellu, David kien jaf idoqq l-__________ kif ukoll kien mexxej __________.



**F. Ikteb talba lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinek timxi fuq l-eżempju ta' Ġesù. (5 marki)**



______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**Ġ. Ikteb liema kmandament qegħdin JIKSRU dawn it-tfal.**

**(10 marki)**



1. Mark u Zak kienu qed jilagħbu bil-ballun u kissru vażun. Huma beżgħu li jaqilgħu kastig u b'hekk għażlu li ma jgħidux il-verità lil ommhom.

_______________________________________________

2. Ryan u Kurt kienu ħbieb iżda meta Kurt sar jaf li Ryan kellu l-PSP, Kurt tgħidx x'geddum għamel u ma riedx ikellmu aktar lil Ryan.

_______________________________________________

3. Il-ġenituri ta' Sandro qalulu biex ma jmurx jilgħab fl-għalqa ta' ħdejhom. Iżda hu m'obdiex u beda jirrispondihom.

_______________________________________________

4. Minflok il-quddiesa, nhar ta' Ħadd Marija kienet tmur tilgħab fil-ġnien pubbliku ma' sħabha.

_______________________________________________

5. John kien ilu jixtieq jixtri ballun sabiħ tal-ġilda u b'hekk iddeċieda li jieħu l-flus bil-moħbi mill-kartiera ta' missieru.

_______________________________________________

**G. Wieġeb VERU jew FALZ billi timmarka ✓ fejn suppost.**

**(10 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Alla huwa kbir, qawwi u qaddis. | | |
| 2. | Mosè kien Lhudi iżda twieled l-Eġittu. | | |
| 3. | Mosè ra xitla taqbad u tinqered. | | |
| 4. | Mosè rċieva l-kmandamenti fuq il-muntanja Tabor. | | |
| 5. | Sawl kien sultan tal-Lhud qabel David. | | |
| 6. | David kien jaf juża tajjeb l-iżbandola. | | |
| 7. | David qatel lil Sawl bil-lanza. | | |
| 8. | Marija m'aċċettatx li tkun omm Alla. | | |
| 9. | Ġesù tgħammed fix-xmara Ġordan. | | |
| 10. | Ġesù ġie fid-dinja biex isalvana. | | |

**Għ. Qabbel dawn il-Misteri. Ikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

**(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | L-anġlu Gabriel ħabbar lil Marija | | lill- qariba tagħha Santa Elizabetta. |
| 2. | Sidtna Marija marret iżżur | | binha Ġesù fit-tempju. |
| 3. | Sidna Ġesù Kristu | | u wara tlitt ijiem sabitu fit-tempju jiddisputa mad-dutturi. |
| 4. | Sidtna Marija ppreżentat lil | | li kellha tkun omm Alla. |
| 5. | Sidtna Marija tilfet lil binha Ġesù | | twieled fl-għar ta' Betlem. |

**H: Wieġeb il-mistoqsijiet.** **(10 marki)**



1. Liema profeta kien ħabbar it-twelid ta' Ġesù?

2. X'tifhem bil-kelma profeti?

3. X'ra Isaija meta darba kien dieħel fit-tempju?

4. X'għamillu wieħed mill-anġli?

5. X'ried Alla minn Isaija?

**Ħ. Ikteb 5 sentenzi dwar wieħed minn dawn. (10 marki)**

1. **Il-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu**



**Jew**



2. **Il-magħmudija ta' Ġesù**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**